SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

21 ta' Lulju 2011 *

Fil-Kawża C-2/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per la Puglia (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Jannar 2010, fil-proċedura

Azienda Agro-Zootecnica Franchini Sarl,

Eolica di Altamura Srl

vs

Regione Puglia,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, J.-J. Kasel, A. Borg Barthet, M. Ilešič (Relatur) u E. Levits, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Frar 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Azienda Agro-Zootecnica Franchini Sarl u Eolica di Altamura Srl, minn S. Profeta u C. Rucireta, avukati,

— għal Regione Puglia, minn L. A. Clarizio, L. Francesconi u M. Liberti, avukati,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Herrmann u D. Recchia, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' April 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, p. 16), tad-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Settembru 2001, fuq il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern tal-elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 21), tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-'Habitats'"), kif ukoll tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-'Għasafar'").

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest ta' kawża minn Azienda Agro-Zootecnica Franchini Sarl (iktar 'il quddiem "Azienda Agro-Zootecnica Franchini") u Eolica di Altamura Srl (iktar 'il quddiem "Eolica di Altamura") kontra Regione Puglia, rigward ir-rifjut ta' awtorizzazzjoni biex jitqegħdu turbini tar-riħ, mhux intiżi għall-konsum proprju, fuq art li tifforma parti mill-Park Nazzjonali ta' Alta Murgia, żona protetta klassifikata bħala sit ta' importanza Komunitarja (iktar 'il quddiem "SIK") u żona ta' protezzjoni speċjali (iktar 'il quddiem "ŻSP"), li jiffurmaw parti min-netwerk ekoloġiku Ewropew Natura 2000 (iktar 'il quddiem in-"netwerk Natura 2000"), minkejja li ma kienet saret ebda evalwazzjoni preliminari tal-effetti tal-proġett fuq l-ambjent fis-sit ikkonċernat b'mod speċifiku.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

Id-Direttiva dwar "l-Għasafar"

3 L-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva dwar "l-Għasafar" jimponi fuq l-Istati Membri li jikklassifikaw bħala żoni speċjali ta' protezzjoni t-territorji li jikkorrispondu għall-kriterji ornitoloġiċi stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.

4 L-Artikolu 4(4) tad-direttiva msemmija jipprovdi:

"Fir-rigward taż-żoni ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fuq, l-istati membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jevitaw tniġġis jew deterjorazzjoni tal-habitat jew kwalunkwe tfixkil li jaffettwa l-għasafar, sakemm dawn jistgħu ikunu sinjifikanti fil-kuntest ta' l-għanijiet ta' dan l-artikolu. Barra minn dawn iż-żoni tal-protezzjoni, l-istati membri għandhom jistinkaw biex jevitaw it-tniġġis jew deterjorazzjoni tal-habitats."

5 L-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar "l-Għasafar" jipprovdi li "[l]-istati membri jistgħu jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti minn dawk li hemm provvduti f'din id-direttiva".

Id-Direttiva dwar "il-Habitats"

6 It-tielet premessa tad-Direttiva dwar "il-Habitats" tipprovdi:

"[b]illi, l-għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa li tippromwovi l-manteniment ta' biodiversità, billi tqis il-ħtiġiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u reġjonali, din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-għan ġenerali ta' l-iżvilupp sostenibbli; billi l-manteniment ta' dik il-biodiversità f'ċerti każijiet teħtieġ li jsiru, jew saħansitra jiġu mħajra, l-attivitajiet umani".

7 L-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar "il-Habitats" huwa mfassal b'dan il-mod:

"1. L-għan ta' din id-Direttiva jkun li tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-biodiversità permezz tal-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa fit-territorju Ewropew ta' l-Istati Membri li jgħodd għalihom it-Trattat.

2. Il-miżuri meħuda skond din id-Direttiva jkunu ddisinjati biex iżommu jew jirripristinaw, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-habitat naturali u l-ispeċi tal-fawna u l-flora selvaġġa li huma ta' interess għall-Komunità.

3. Il-miżuri meħuda skond din id-Direttiva għandhom iqisu l-ħtiġiet ekonomiċi, soċjali u kulturali u l-karatteristiċi reġjonali u lokali."

8 L-Artikolu 3(1) tad-direttiva msemmija, jipprovdi:

"Għandu jiġi stabbilit n etwork ekoloġiku Ewropew koerenti ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni taħt l-isem ta' Natura 2000. Dan in-network [...] għandhom jippermettu li t-tipi ta' habitat naturali u l-habitat naturali ta' l-ispeċi konċernati jinżammu jew, fejn jixraq, jiġu ripristinati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom.

In-network Natura 2000 se jkun fiha ż-żoni speċjali ta' protezzjoni klassifikati mill-Istati Membri skond id-Direttiva [dwar l-Għasafar]."

9 L-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar "il-Habitats" jirregola l-proċedura intiża sabiex tiġi stabbilita n-netwerk Natura 2000 kif ukoll it-tfassil taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni mill-Istati Membri.

10 L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar "il-Habitats", li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni għaż-żoni msemmija, jipprovdi:

"[...]

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament ta' l-habitat naturali u l-habitat ta' l-ispeċi kif ukoll t-tfixkil ta' l-ispeċi li għalihom ġew nominati ż-żoni, safejn dak it-tfixkil jista' jkun sinjifikanti meta jitqies skond l-għanjiet ta' din id-Direttiva.

3. Kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li ma hux meħtieġ għat-tmexxija tas-sit iżda li x'aktarx se jkollu effett sinjifikanti fuqu, jew b'mod individwali jew inkella flimkien ma' xi pjanijiet jew proġetti oħra, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni xierqa ta' l-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit in vista ta' l-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit. Fl-isfond tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar il-pjan jew il-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-sit konċernat u, jekk xieraq, wara li jkunu raw l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali.

4. Jekk, minkejja li jkun hemm evalwazzjoni negattiva ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet oħra, pjan jew proġett irid isir xorta waħda għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi ma' l-interess pubbliku, inklużi dawk ta' tip soċjali jew ekonomiku, l-Istat Membru irid jieħu l-miżuri kollha kumpensatorji meħtieġa biex jiżgura li tkun protetta l-koerenza globali ta' Natura 2000. Hu jrid jgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kumpensatorji adottati.

[…]"

11 Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar "il-Habitats":

"[l]-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 6(2), (3) u (4) ta' din id-Direttiva għandhom jissostitwixxu kull obbligu li joħroġ mill-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 79/409/KEE dwar iż-żoni klassifikati skond l-Artikolu 4(1) jew meqjusa bl-istess mod skond l-Artikolu 4(2) tiegħu, mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jew mid-data tal-klassifikazzjoni jew għarfien minn Stat Membru skond id-Direttiva 79/409/KEE, meta d-data ta' l-aħħar tiġi aktar tard."

Id-Direttiva 2001/77

12 It-tieni premessa tad-Direttiva 2001/77 tipprovdi:

"Il-promozzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli hija prijorità kbira tal-[Unjoni], […] għal raġunijiet ta' sigurtà u diversifikazzjoni tal-provista ta' l-enerġija, ta' protezzjoni ambjentali u ta' koeżjoni soċjali u ekonomika. […]"

13 B'mod konformi mal-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 2001/77 għandha l-iskop "[…] li tkun promossa żieda fil-kontribuzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli għall-produzzjoni ta' l-elettriku fis-suq intern għall-elettriku u biex tinħoloq bażi għal qafas tal-Komunità fil-ġejjieni tiegħu".

14 L-Artikolu 6 tad-direttiva msemmija, intitolat "Proċeduri amministrattivi", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu li:

"L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti maħtura mill-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-qafas eżistenti leġislattiv u regolatorju fir-rigward ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni jew proċeduri oħra preskritti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/92/KE, li huma applikabbli għall-impjanti ta' produzzjoni għall-eletrriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli, biex:

— inaqqsu l-ostakoli regolatorji u mhux regolatorju għaż-żieda fil-produzzjoni ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli,

— iwittu u jħaffu proċeduri fil-livell xieraq amministrattiv, u

— jiżguraw li r-regoli huma oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, u jqisu bis-sħiħ il-partikolaritajiet tad-diversi teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinovabbli."

Id-Direttiva 2009/28

15 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/28, intitolat "Proċeduri amministrattivi, regolamenti u kodiċijiet", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull regola nazzjonali li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar li huma applikati għal impjanti u trasmissjoni assoċjata u infrastrutturi tan-netwerk tad-distribuzzjoni għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u għall-proċess ta' trasformazzjoni tal-bijomassa f'bijokarburanti jew prodotti tal-enerġija oħra, jkunu proporzjonati u meħtieġa.

L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jieħdu l-passi adatti biex jiżguraw li:

[…]

ċ) il-proċeduri amministrattivi huma simplifikati u mgħaġġla fil-livell amministrattiv xieraq;

d) ir-regoli li jirregolaw l-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar ikunu oġġettivi, trasparenti, proporzjonali, ma jiddiskriminawx bejn l-applikanti u jikkunsidraw bis-sħiħ il-partikolaritajiet ta' teknoloġiji individwali ta' enerġija rinnovabbli;

[…]

f) jiġu stabbiliti proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati u inqas impenjattivi, anke permezz ta' notifikazzjoni ssempliċi jekk tiġi permessa mill-qafas regolatorju applikabbli, għal proġetti iżgħar u għal strumenti deċentralizzati għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, fejn xieraq."

16 B'mod konformi mal-Artikolu 26 tagħha, id-Direttiva 2009/28 ħassret, b'effet mill-1 ta' April 2010, l-Artikoli 2, 3(2) u 4 sa 8 tad-Direttiva 2001/77. Din ser tiġi mħassra b'mod sħiħ mill-1 ta' Jannar 2012.

17 L-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2001/77 jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(1), (2) u (3), l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa 5 ta' Diċembru 2010.

[…]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

18 Id-Direttiva 2001/77 ġiet trasposta fid-dritt Taljan bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 387 (decreto legislativo n. 387), tad-29 ta' Diċembru 2003 (GURI Nru 25, tal-31 ta' Jannar 2004, suppliment ordinarju għall-GURI Nru 17), kif emendat bil-Liġi Nru 244 (legge n. 244), tal-24 ta' Diċembru 2007 (GURI Nru 300, tat-28 ta' Diċembru 2007, suppliment ordinarju għall-GURI Nru 285), li l-Artikolu 12 tiegħu jittrasponi l-kontenut tal-Artikolu 6 tad-direttiva msemmija, dwar il-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-impjanti ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli.

19 Dan l-Artikolu 12, intitolat "Razzjonalizzazzjoni u semplifikazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni" tad-Digriet imsemmi jipprovdi s-segwenti:

"[…]

Il-kostruzzjoni u l-operat tal-impjanti ta' produzzjoni tal-elettriku alimentati minn sorsi rinnovabbli […] huma suġġetti għal awtorizzazzjoni unika, maħruġa mir-reġjun jew mill-provinċji delegati, fl-osservanza tal-liġijiet fis-seħħ fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent, tal-protezzjoni tal-pajsaġġ u tal-patrimonju storiku u artistiku, li tikkostitwixxi, jekk ikun meħtieġ, deroga mil-leġiżlazzjoni dwar l-iżvilupp urban […]

[…]

[…] B'applikazzjoni tal-linji gwida [għall-iżvolġiment tal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3], ir-reġjuni jistgħu jindikaw żoni u siti li ma humiex xierqa għal ċerti tipi ta' impjanti […]"

20 L-Artikolu 1(1226) tal-Liġi Finanzjarja Nru 296 (legge finanziaria n. 296), tas-27 ta' Diċembru 2006 (GURI Nru 299, tas-27 ta' Diċembru 2006, suppliment ordinarju għall-GURI Nru 244), jattribwixxi lill-Ministru għall-Ambjent u għall-Protezzjoni tat-Territorju u tal-Baħar l-awtorità li jistabbilixxi, permezz ta' digriet, kriterji uniformi minimi li abbażi tagħhom ir-reġjuni għandhom jadottaw il-miżuri ta' konservazzjoni.

21 B'digriet tal-Ministru għall-Ambjent u għall-Protezzjoni tat-Territorju u tal-Baħar tas-17 ta' Ottubru 2007 intitolat "Kriterji uniformi minimi biex jiġu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni fir-rigward ta' Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) u Żoni Speċjali ta' Protezzjoni (ŻSP)" (GURI Nru 258, tas-6 ta' Novembru 2007, iktar 'il quddiem id-"Digriet tas-17 ta' Ottubru 2007"), ir-reġjuni u l-provinċji awtonomi ngħataw l-obbligu li jipprekludu l-kostruzzjoni ta' impjanti ġodda ta' turbini tar-riħ mhux intiżi għall-konsum proprju fiż-ŻSP kollha.

22 Id-Digriet tas-17 ta' Ottubru 2007 jipprovdi fl-Artikolu 5(1) tiegħu intitolat "Kriterji uniformi minimi għad-definizzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni għaż-ŻSP kollha":

"Ir-reġjuni u l-provinċji awtonomi għandhom jadottaw, fir-rigward taż-ŻSP kollha, permezz tal-att stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' dan id-digriet, il-projbizzjonijiet li ġejjin:

[…]

l) il-kostruzzjoni ta' turbini tar-riħ ġodda, ħlief għal dawk li fid-data tal-adozzjoni tal-att preżenti, il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tkun diġà bdiet permezz tal-preżentazzjoni tal-proġett. L-organi kompetenti għandhom jevalwaw l-effetti tal-proġett, billi jagħtu qies taċ-ċikli bioloġiċi tal-ispeċi li fir-rigward tagħhom is-sit ġie nnominat, wara konsultazzjoni mal-INFS (Istitut Nazzjonali għal Fawna selvaġġa).

Sforzi għas-sostituzzjoni u modernizzazzjoni, inklużi dawk teknoloġiċi, li ma jinvolvux żieda fl-impatt fuq is-sit fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni taż-ŻPS kif ukoll turbini tar-riħ għall-konsum proprju b'saħħa globali sa 20 kW għandhom wkoll jiġu eżentati […]"

Leġiżlazzjoni tar-Regione Puglia

23 L-Artikolu 2 tal-Liġi Reġjonali Nru 31, tal-21 ta' Ottubru 2008, li tistabbilixxi regoli għal produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u għat-tnaqqis ta' emissjonijiet li jniġġżu, u regoli ambjentali (iktar 'il quddiem il-"Liġi Reġjonali Nru 31") jipprovdi:

"[…]

(6) B'mod konformi mal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva [dwar il-habitats], flimkien mal-Artikoli 4 u 6 tar-regolament li jimplementaha pprovdut bid-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 357, tat-8 ta' Settembru 1997, kif emendat […] huwa pprojbit li jitqegħdu turbini tar-riħ li ma humiex maħsuba għall-konsum proprju f'SIK u f'ŻSP li jiffurmaw parti min-netwerk […] Natura 2000.

(8) Il-projbizzjoni stabbilita fil-[paragrafi] 6 u 7 iktar 'il fuq testendi għal żona ta' lqugħ ta' 200 metru."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

24 Il-kumpannija Eolica di Altamura tiddikjara li akkwistat mingħand il-kumpannija Alburni Srl. id-drittijiet relattivi għal proġett ta' kostruzzjoni ta' wind farm, mhux maħsub għall-konsum proprju, fuq artijiet li jappartjenu lill-kumpannija Azienda Agro Zootecnica Franchini u li jifformaw parti mill-perimetru tal-Park Nazzjonali ta' Alta Murgia, żona protetta u kklassifikata bħala SIK u ŻSP "pSIC/ZPS IT 9120007 Murgia Alta".

25 Kemm it-talba għal nuqqas ta' oppożizzjoni preliminari tal-korp inkarigat mill-park kif ukoll it-talba ta' kompatibbiltà ambjentali ppreżentata lir-Regione Puglia ġew miċħuda rispettivament minn deċiżjonijiet tal-1 ta' Settembru 2006, adottata mill-korp inkarigat mill-park, u fl-4 ta' Lulju 2007, adottata mir-Regione Puglia.

26 Ir-rifjut oppost minn din tal-aħħar kien motivat abbażi tad-dispożizzjonijiet reġjonali rilevanti li jgħidu li, min-naħa waħda, għall-għażla tal-post tat-turbini tar-riħ, iż-żoni SIK u ŻSP stabbiliti bid-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar" jitqiesu bħala totalment "mhux xierqa" u, min-naħa l-oħra, fin-nuqqas ta' pjan li jirregola t-turbini tar-riħ, is-SIK u ż-ŻSP imsemmija iktar 'il fuq jitqiesu bħala żoni "mhux adattati".

27 Il-kumpanniji Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura ppreżentaw rikors quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per la Puglia kontra d-deċiżjonijiet ta' rifjut u d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti tar-Regione Puglia.

28 B'deċiżjoni tas-17 ta' Settembru 2008, din il-qorti laqgħet ir-rikors imsemmi u annullat, konsegwentement, l-imsemmija dispożizzjonijiet leġiżlattivi li permezz tagħhom ir-Regione Puglia kienet stabbilixxiet il-projbizzjoni assoluta li jiġu kostruwiti turbini tar-riħ fis-SIK u fiż-ŻSP stabbiliti bid-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar".

29 Madankollu, matul il-proċedura li ntemmet bid-deċiżjoni msemmija, ir-Regione Puglia approvat ir-Regolament Reġjonali Nru 15, tat-18 ta' Lulju 2008, li wkoll għandu bħala suġġett miżuri ta' konservazzjoni skont id-direttivi msemmija u d-Digriet Nru 357.

30 B'hekk, fil-proċedura fil-kawża prinċipali pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura jitolbu l-annullament tal-Artikolu 5(1)(n), 4 u 4a tar-Regolament Reġjonali Nru 15 skont liema, essenzjalment, huwa pprojbit li jinbnew turbini tar-riħ ġodda, fiż-ŻSP kollha li jifformaw in-netwerk Natura 2000, u dan sa żona ta' lqugħ ta' 500 metru. Dawn il-kumpanniji josservaw, b'mod partikolari, ksur tal-prinċipji stabbiliti bid-Direttiva 2001/77.

31 Ir-Regione Puglia talbet sabiex ir-rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli jew infondat.

32 Matul il-proċedura fil-kawża prinċipali, daħlet fis-seħħ il-Liġi Reġjonali Nru 31. Fl-Artikolu 2(6) tagħha, din tistabbilixxi l-projbizzjoni tal-kostruzzjoni ta' turbini tar-riħ ġodda, mhux intiżi għall-konsum proprju, fis-siti kollha tan-netwerk Natura 2000, jiġifieri anki fis-siti ta' importanza Komunitarja stabbiliti b'mod konformi mad-Direttiva dwar "il-Habitats".

33 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-Artikolu 2(6) tal-liġi reġjonali msemmmija huwa immedjatament applikabbli għall-proġett ta' wind farm ippreżentat mill-kumpanniji Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tapplika għat-talba għal awtorizzazzjoni u ta' kompatibbiltà ambjentali ppreżentata minn dawn il-kumpanniji sa mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi Reġjonali Nru 31 (jiġifieri sa mit-8 ta' Novembru 2008) indipendentement minn kull evalwazzjoni speċifika ta' impatt jew effett ambjentali.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale per la Puglia ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-paragrafu 1226 tal-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 296 […], tal-Artikolu 5(1) tad-Digriet […] tas-17 ta' Ottubru 2007 u tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 2 tal-Liġi [Reġjonali] Nru 31 […] huma kompatibbli mad-dritt [tal-Unjoni] u, b'mod partikolari mal-prinċipji li jirriżultaw mid-Direttivi 2001/77[…] u 2009/28[…] u mid-Direttivi [dwar l-Għasafar] u [dwar il-Habitat], inkwantu dawn jipprojbixxu assolutament u bla distinzjoni, li turbini tar-riħ mhux intiżi għall-konsum proprju jitqiegħdu f'siti ta' importanza għall-Komunità (SIK) u f'żoni speċjali ta' protezzjoni (ŻSP) li jikkostitwixxu n-netwerk ekoloġiku [NATURA 2000], minflok ma jiġi previst li ssir stima adegwata tal-effetti ambjentali li tanalizza l-impatt tal-proġett maħsub fuq is-sit speċifikament ikkonċernat bl-intervent?"

Fuq id-domanda preliminari

35 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' miżura nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, hija madankollu tista' tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jistgħu jippermettulha tevalwa din il-kompatibbiltà bil-għan li taqta' l-kawża li tressqet quddiemha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 2000, Borawitz, C-124/99, Ġabra p. I-7293, punt 17; tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia *et*, C-60/05, Ġabra p. I-5083, punt 18, kif ukoll tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks, C-439/06, Ġabra p. I-3913, punt 21).

36 Minn dan l-aspett, għandu jitqies li l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-Direttivi dwar "il-Habitats", dwar "l-Għasafar", 2001/77 u 2009/28 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni li

tipprojbixxi l-impjanti ta' turbini tar-riħ mhux intiżi għall-konsum proprju fus siti li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000, mingħajr ebda evalwazzjoni preliminari tal-effetti ambjentali tal-proġett fuq is-sit ikkonċernat b'mod speċifiku.

Fuq l-interpretazzjoni tad-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar"

37 Sabiex tingħata risposta lid-domanda msressqa, għandu fl-ewwel lok jiġi eżaminat jekk id-Direttivi dwar "l-Għasafar" u "l-Habitats", u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 6(3) ta' din tal-aħħar, jipprekludux leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

38 Skont il-kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali, din it-tip ta' leġiżlazzjoni tikser is-sistema stabbilita bid-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar". F'dan ir-rigward, huma josservaw li s-sistema ta' protezzjoni stabbilita minn dawn id-Direttivi ma tipprekludix kull attività ġewwa ż-żoni li jappartjenu għan-netwerk Natura 2000, iżda tissuġġetta biss l-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet imsemmija għat-twettiq ta' evalwazzjoni minn qabel tal-effetti fuq l-ambjent abbażi tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar "il-Habitats". Għalhekk, leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprekludi b'mod assolut l-impjanti ta' turbini tar-riħ ġodda fis-siti li jappartjenu lin-netwerk imsemmija mingħajr evalwazzjoni bil-quddiem tal-pjan jew proġett fuq sit speċifiku, għandha l-konsegwenza li tneħħi s-sustanza kollha tas-sistema stabbilita bid-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar".

39 Il-Kummissjoni Ewropea u r-Regione Puglia jikkontestaw din l-argumentazzjoni. Huma jsostnu li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar "il-Habitats" ma japplikax meta pjan jew proġett huwa pprojbit f'żona li tifforma parti min-netwerk Natura 2000. Madankollu, f'dan ir-rigward, huma josservaw li l-fatt li ċerti attivitajiet jistgħu

jiġu awtorizzati ġewwa siti li jappartjenu lin-netwerk imsemmija ma jfissirx li dawn l-interventi għandhom iseħħu dejjem. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-Artikolu 193 TFUE jawtorizza lill-Istati Membri sabiex iżommu jew jistabbilixxu, taħt ċerti kundizzjonijiet, miżuri msaħħa ta' protezzjoni tal-ambjent.

40 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif ġie osservat mill-partijiet fil-kawża prinċipali, is-sistema ta' protezzjoni li d-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar" jikkonferixxu lis-siti li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000 ma tipprekludix kull attività tal-bniedem ġewwa dawn is-siti, iżda tikkundizzjona biss l-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet imsemmija għal evalwazzjoni bil-quddiem tal-impatt ambjentali tal-proġett ikkonċernat. B'hekk, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar "il-Habitats" — applikabbli, skont l-Artikolu 7 tad-direttiva msemmija, għaż-żoni kklassifikati skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar "l-Għasafar", jew rikonoxxuti b'mod simili skont l-Artikolu 4(2) tagħha — kull pjan jew kull proġett mhux direttament marbut jew meħtieġ għat-tmexxija tas-sit, iżda li jista' jolqot li dan b'mod sinjifikanti, individwalment jew flimkien ma' pjani u proġetti oħra, għandu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni tal-impatt tiegħu fuq is-sit fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni tiegħu.

41 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-implementazzjoni tal-mekkaniżmu ta' protezzjoni tal-ambjent stabbilit mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar "il-Habitats" teħtieġ l-eżistenza ta' probabbiltà jew ta' riskju li pjan jew proġett jolqot is-sit ikkonċernat b'mod sinjifikanti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging, C-127/02, Ġabra p. I-7405, punti 40 u 43, kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-179/06, Ġabra p. I-8131, punt 33).

42 Konsegwentement, jidher li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li joħloq mekkaniżmu ta' protezzjoni li jiġi implementat biss fil-każ li pjan jew proġett jirrappreżenta riskju għal sit li jappartjeni lin-netwerk Natura 2000.

43 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li jaqbel li jiġi evalwat jekk id-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar" jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

44 Mill-proċess imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li tali leġiżlazzjoni tinvolvi l-projbizzjoni li jinbnew turbini tar-riħ ġodda mhux intiżi għall-konsum proprju fis-SIK u fiż-ŻSP li jiffurmaw parti min-netwerk Natura 2000. Din il-projbizzjoni testendi għal żona ta' lqugħ ta' 200 metru.

45 Din il-leġiżlazzjoni għandha bħala konsegwenza r-rifjut awtomatiku ta' kull pjan jew ta' kull proġett li għandu bħala suġġett impjant ta' turbina tar-riħ ġdida f'wieħed minn dawn is-siti, u dan mingħajr ma titwettaq ebda evalwazzjoni tal-impatt ambjentali tal-pjan jew tal-proġett speċifiku fuq is-sit partikolari.

46 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li tali leġiżlazzjoni tistabbilixxi sistema ta' protezzjoni tas-siti li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000 li hija iktar stretta minn dik stabbilita mid-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar".

47 Konsegwentement, hekk kif ikkunsidra l-Avukat Ġenerali fil-punt 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, sabiex tingħata risposta lill-qorti tar-rinviju għandu jiġi ddeterminat jekk u taħt liema kundizzjonijiet id-dritt tal-Unjoni jippermetti lill-Istati Membri li jistabbilixxu miżuri nazzjonali ta' protezzjoni iktar stretti minn dawk stabbiliti mid-Direttivi msemmija.

48 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fil-qasam tal-ambjent, ma tipprevedix armonizzazzjoni kompleta (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2000, Fornasar *et*, C-318/98, Ġabra p. I-4785, punt 46, kif ukoll tal-14 ta' April 2005, Deponiezweckverband Eiterköpfe, C-6/03, Ġabra p. I-2753, punt 27).

49 Abbażi tal-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-Għasafar, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' protezzjoni iktar stretti minn dawk stabbiliti minn din id-direttiva.

50 Id-Direttiva dwar "il-Habitats" ma fiha ebda dispożizzjoni ekwivalenti għall-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar "l-Għasafar". Madankollu, peress li din id-Direttiva ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 192 TFUE, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 193 TFUE jipprovdi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw miżuri ta' protezzjoni msaħħa. Dan l-Artikolu jissuġġetta lil tali miżuri biss għall-kundizzjonijiet li jkunu kompatibbli mat-Trattat FUE u li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "fil-kuntest tal-politika komunitarja dwar l-ambjent, sa fejn miżura nazzjonali għandha l-istess għanijiet bħal Direttiva, il-fatt li wieħed imur lil hinn mill-kundizzjonijiet minimi stabbiliti f'din id-Direttiva huwa previst u awtorizzat mill-Artikolu 176 KE taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu" (ara s-sentenza Deponiezweckverband Eiterköpfe, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58).

51 Kemm mill-proċess imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mill-interventi tal-partijiet waqt is-seduta jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha bħala għan essenzjali l-konservazzjoni taż-żoni li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000, u b'mod partikolari l-protezzjoni tal-habitats tal-għasafar selvaġġi minħabba l-perikoli li t-turbini tar-riħ jistgħu jirrappreżentaw għalihom.

52 Minn dan jirriżulta li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, sabiex tipproteġi l-popolazzjonijiet tal-għasafar selvaġġi li jgħixu f'żoni protetti li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000, tipprekludi b'mod assolut il-kostruzzjoni ta' turbini tar-riħ ġodda fiż-żoni msemmija, issegwi l-istess għanijiet bħad-Direttiva dwar "il-Habitats". Għalhekk, sa kemm din tistabbilixxi sistema iktar stretta minn dik stabbilita mill-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva, hija tikkostitwixxi miżura ta' protezzjoni msaħħa skont l-Artikolu 193 TFUE.

53 Ċertament, mill-proċess imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-Gvern Taljan ikkomunika dawn il-miżuri lill-Kummissjoni b'mod konformi mal-Artikolu 193 TFUE. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-artikolu msemmi jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-miżuri ta' protezzjoni msaħħa li dawn ikollhom l-intenzjoni li jżommu jew li jistabbilixxu fil-qasam tal-ambjent, iżda ma jissuġġettax l-implementazzjoni tal-miżuri inkwistjoni għall-approvazzjoni jew għan-nuqqas ta' oppożizzjoni tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 38 tal-konklużjonijiet tiegħu, la l-kliem u lanqas l-iskop tad-dispożizzjoni ineżami ma jippermettu b'hekk li jitqies li n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' notifika impost fuq l-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 193 TFUE iwassal waħdu għall-illegalità tal-miżuri ta' protezzjoni msaħħa adottati b'dan il-mod (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 1989, Enichem Base *et*, 380/87, Ġabra p. 2491, punti 20 sa 23; tat-23 ta' Mejju 2000, Sydhavnens Sten & Grus, C-209/98, Ġabra p. I-3743, punt 100, kif ukoll tas-6 ta' Ġunju 2002, Sapod Audic, C-159/00, Ġabra p. I-5031, punti 60 sa 63).

54 Xorta jibqa' l-fatt li l-miżuri ta' protezzjoni msaħħa stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom josservaw ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattat FUE.

55 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali osservaw li l-għan ta' żvilupp tal-enerġiji ġodda u rinnovabbli, kif stabbilit għall-politika tal-Unjoni mill-Artikolu 194(1)(ċ) TFUE, għandu jipprevali fuq l-għanijiet ta' protezzjoni tal-ambjent segwiti mid-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar".

56 F'dan ir-rigward, biżżejjed li jiġi mfakkar li fil-paragrafu (1) tiegħu, l-Artikolu 194 TFUE jistabbilixxi li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġi ppriżervat u mtejjeb l-ambjent.

57 Barra minn hekk, miżura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprekludi biss l-impjant ta' turbini tar-riħ ġodda mhux intiżi għall-konsum proprju fis-siti li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000, fejn it-turbini tar-riħ intiżi għall-konsum proprju b'saħħa ugwali jew inferjuri għal 20 kW jistgħu jiġu eżentati, ma hijiex, minħabba l-portata limitata tagħha, kapaċi li tqiegħed f'perikolu l-għan tal-Unjoni ta' żvilupp tal-enerġiji ġodda u rinnovabbli.

58 Konsegwentement, għandu jiġi konkluż li d-Direttivi dwar "l-Għasafar" u "l-Habitats", u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) ta' din tal-aħħar, ma jipprekludux miżura nazzjonali ta' protezzjoni msaħħa li tipprevedi l-projbizzjoni assoluta li jinbnew impjanti ta' turbini tar-riħ mhux intiżi għall-konsum proprju ġewwa żoni li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000 mingħajr ebda evalwazzjoni tal-impatt ambjentali tal-proġett jew tal-pjan speċifiku fuq is-sit ikkonċernat li jappartjeni lin-netwerk imsemmi.

Fuq l-interpretazzjoni tad-Direttivi 2001/77 u 2009/28

59 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk id-Direttivi 2001/77 u 2009/28 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

60 Min-naħa waħda, f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2001/77, l-Artikolu 1 tagħha jistabbilixxi li din għandha l-għan li tkun promossa żieda fil-kontribuzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli għall-produzzjoni tal-elettriku fis-suq intern għall-elettriku u biex tinħoloq bażi għal qafas tal-Komunità fil-ġejjieni tiegħu.

61 Għal dan il-għan, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/77 jobbliga lill-Istati Membri jevalwaw il-kuntest leġiżlattiv u regolamentari li jirrigwarda l-proċeduri amministrattivi, b'mod partikolari ta' awtorizzazzjoni, li huma applikabbli għall-impjanti ta' produzzjoni għall-eletrriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli. Din il-proċedura ta' evalwazzjoni għandha l-iskop li twitti u tħaffef l-ostakoli amministrattivi, kif ukoll li tivverifika li r-regoli applikabbli għal dan it-tip ta' impjant ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

62 Jidher li l-qorti tar-rinviju tesprimi dubji f'dak li jirrigwarda l-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mal-kriterji msemmija. Barra minn hekk, waqt is-seduta, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew li tali leġiżlazzjoni kellha natura diskriminatorja fir-rigward tal-impjanti tat-turbini tar-riħ meta mqabbla ma attivitajiet industrijali oħra suġġetti għas-sistema ta' evalwazzjoni bil-quddiem stabbilita mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar "il-Habitats".

63 Qabel kollox, f'dan ir-rigward, għandu jingħad li projbizzjoni totali ta' kostruzzjoni ta' turbini tar-riħ ġodda fiż-żoni li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000, li tirriżulta minn dispożizzjoni leġiżlattiva, ma tmurx kontra l-għanijiet ta' twittija u tħaffif ta' ostakoli amministrattivi, u bħala prinċipju tikkostitwixxi proċedura trasparenti u oġġettiva biżżejjed.

64 Sussegwentement, fir-rigward tan-natura diskriminatorja tal-miżura, għandu jiġi mfakkar li l-projbizzjoni tad-diskrimiinazzjoni stabbilita mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/77, hija biss l-espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza, li jifforma parti mill-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, u li jipprekludi li sitwazzjonijiet simili jiġu ttrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod ugwali, sa kemm trattament bħal dan ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-280/93, Ġabra p. I-4973, punt 67; tat-3 ta' Mejju 2007, Advocaten voor

de Wereld, C-303/05, Ġabra p. I-3633, punt 56, kif ukoll tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, Ġabra p. I-9895, punt 23).

65 Issa, f'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk id-differenza fit-trattament bejn il-proġetti ta' kostruzzjoni tat-turbini tar-riħ u l-proġetti li jirrigwardaw attivitajiet industrijali oħra proposti fuq siti li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000 tistax tkun fondata abbażi tad-differenzi oġġettivi li jeżistu bejn dawn iż-żewġ tipi ta' proġetti.

66 F'dan il-kuntest, din il-qorti għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi speċifiċi tal-impjanti tat-turbini tar-riħ, b'mod partikolari dawk relatati mal-perikoli li dawn jistgħu jirrappreżentaw għall-għasafar, bħar-riskji ta' kolliżjoni, it-tfixkil u l-ispostament, l-effett "barriera" li jġiegħel lill-għasafar ibiddlu d-direzzjoni jew it-telf jew id-degradament tal-habitats.

67 Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2009/28, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 13(1) tagħha, "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull regola nazzjonali li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar li huma applikati għal impjanti u trasmissjoni assoċjata u infrastrutturi tan-netwerk tad-distribuzzjoni għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli […], jkunu proporzjonati u meħtieġa". B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa sabiex ir-regoli msemmija jkunu "oġġettivi, trasparenti, proporzjonali, ma jiddiskriminawx bejn l-applikanti u jikkunsidraw bis-sħiħ il-partikolaritajiet ta' teknoloġiji individwali ta' enerġija rinnovabbli".

68 Ċertament, hekk kif irrimarkat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, it-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/28, stabbilit fil-5 ta' Diċembru 2010, kien għadu ma skadiex fid-data li fiha ġiet adottata d-deċiżjoni tar-rinviju, jiġifieri fit-23 ta' Settembru 2009.

69 Madankollu, hekk kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja u sa fejn id-Direttiva 2009/28 kienet diġà daħlet fis-seħħ fil-mument meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva mitluba mill-qorti tar-rinviju għandha titqies bħala utli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea, C-261/07 u C-299/07, Ġabra p. I-2949, punti 29 sa 41).

70 Fil-fatt, min-naħa waħda, mill-ġurisprudenza jirriżulta li jistgħu jiġu kkunsidrati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' Direttiva mhux biss id-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-għan espress tagħhom huwa li jittrasponu l-imsemmija Direttiva, iżda wkoll, sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-direttiva msemmija, id-dispożizzjonijiet nazzjonali preeżistenti li jistgħu jassiguraw il-konformità tad-dritt nazzjonali magħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Cordero Alonso, C-81/05, Ġabra p. I-7569, punt 29).

71 Min-naħa l-oħra, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, f'kull każ, matul it-terminu ta' traspożizzjoni ta' Direttiva, l-Istati Membri destinatarji tagħha ma għandhomx jadottaw dispożizzjonijiet li serjament jikkompromettu l-kisba tar-riżultat li jrid jintlaħaq minn din id-Direttiva (sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie, C-129/96, Ġabra p. I-7411, punt 45; tat-8 ta' Mejju 2003, ATRAL, C-14/02, Ġabra p. I-4431, punt 58, u tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold, C-144/04, Ġabra p. I-9981, punt 67).

72 Għal dawn ir-raġunijiet, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, għandha tingħata risposta għall-parti tad-domanda mressqa mill-qorti tar-rinviju li tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2009/28, u b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità li l-Artikolu 13 tagħha jintroduċi fir-rigward tal-proċeduri amministrattivi għall-awtorizzazzjoni tal-impjanti għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli.

73 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/28, li jifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li l-miżuri adottati mill-Istati Membri f'dan il-qasam ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, sakemm, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, tintgħażel dik li hija l-inqas vinkolanti, u sakemm l-inkonvenjenti kkawżati ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et*, C-331/88, Ġabra p. I-4023, punt 13, kif ukoll tal-5 ta' Ottubru 1994, Crispoltoni *et*, C-133/93, C-300/93 u C-362/93, Ġabra p. I-4863, punt 41).

74 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-proporzjonalità tal-miżura nazzjonali inkwistjoni. Din il-qorti għandha, b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija limitata biss għat-turbini tar-riħ, bl-esklużjoni ta' forom oħra ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli bħall-impjanti fotovoltajċi. Barra minn hekk, il-projbizzjoni tapplika biss għall-impjanti ta' turbini tar-riħ ġodda għal skopijiet kummerċjali, peress li t-turbini tar-riħ intiżi għall-konsum proprju b'saħħa ugwali jew inferjuri għal 20 kW huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-projbizzjoni.

75 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li d-Direttivi dwar "il-Habitats", dwar "l-Għasafar", 2001/77 u 2009/28 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni li tipprojbixxi impjant ta' turbini tar-riħ mhux intiżi għall-konsum proprju fuq siti li jappartjenu lin-netwerk Natura 2000, mingħajr ebda evalwazzjoni bil-quddiem tal-impatt ambjentali tal-proġett fuq is-sit ikkonċernat b'mod speċifiku, sa kemm jiġu osservati l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.

Fuq l-ispejjeż

76 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, id-Direttiva (KE) Nru 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Settembru 2001, fuq il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern tal-elettriku, u d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni li tipprojbixxi impjant ta' turbini tar-riħ mhux intiżi għall-konsum proprju fuq siti li jappartjenu lin-netwerk ekoloġiku Ewropew Natura 2000, mingħajr ebda evalwazzjoni bil-quddiem tal-impatt ambjentali tal-proġett fuq is-sit ikkonċernat b'mod speċifiku, sa kemm jiġu osservati l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.

Firem